MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Numru. 987/2012

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Dorianne Dagdeviren, bint Nataline Zammit, imwieleda Victoria, Għawdex fit-12 ta’ Novembru, 1975, Karta ta’ l-Identita numru 25675(G)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f’Settembru, 2010, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta’ aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta’ George Dalli, Georgia Dalli, Nataline Dalli, Alexander Galea u Connie Griffiths;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqet pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika ‘mutatis mutandus’ id-dispozizzjonijiet ta’
l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-‘money laundering’, Kapitlu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontempolat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont
l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Settembru, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Settembru, 2012 fejn intalab li jsir ‘pre-sentencing report’.

Rat il-verbal ts-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2012 fejn ġie eżebiet il-‘pre-sentencing report’.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2013 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-ammont allegatament frodat hu ta’ ċirka €300,000. Min-naħa tagħha l-imputata qed tammetti li hi ħadet is-somma ta’ €150,000.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2013 l-imputata kkonsenjat lill-parte ċivile s-somma ta' €2,500.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu, 2013 fejn l-imputata reġgħet ikkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata. Rat l-artikoli 18, 183, 184, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' erba' (4) snin priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------